MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012

Numru. 546/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Scerri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Scerri, bin Nazzareno u Josephine neé Spiteri, imwieled fit-2 ta' Jannar 1972 u residenti fil-fond numru 11, Sea Bliss, Triq Ganni Vella, Qala, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 1772(G) li gie akkuzat talli nhar it-

3 ta’ Lulju 2009 ghal habta ta’ 17:30 hrs fi Triq l-Universitas, Rabat, Ghawdex;

1. b’nuqqas ta’ hsieb u/jew traskuragni u/jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti u/jew professjoni tieghu, u/jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti kkaguna u/jew ghamel hsara involontarja f’cables tad-dawl ghad-detriment tal-EneMalta Corporation;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta illi l-akkuza migjuba kontra l-imputat sehhet fil-hamsa u nofs ta’ filghaxija (5 :30p.m.) u li kien ghadu ma dalamx u b’hekk l-imputat kellu vizjoni tajba quddiemu. Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet ippruvata;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ammenda ta’ hamsin ewro (€50.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------